MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 36/K6/2011 |
| Data: | It-Tlieta, 31 ta' Jannar 2012 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Dott. Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Abela |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |
| Skuzat: | Il-Kunsillier: | Sur Charles Selvaggi |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie publikat nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2012. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 35/K6/2011.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar.
5. Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2011.
6. Approvazzjoni tal-*Budget* għas-sena 2012.
7. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2011.
8. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
9. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
10. Affarijiet oħra jekk urġenti.
11. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 36/K6/2012

1473. Is-Sindku talab sospensjoni tal-Aġenda, sabiex l-ewwel jiġu diskussi materji finanzjarji. Dott. Grima issekonda. Il-Kunsill qabel.

Punt 5 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2011.

1474. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-Estimi FInanzjarji tas-sena 2011. Is-Sindku ressaq l-Estimi Finanzjari għall-approvazzjoni. Dott. Grima issekonda. Il-Kunsill approva l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2011. L-Estimi ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 6 Approvazzjoni tal-*Budget* għas-sena 2012.

1475. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif l-ispiża għas-sena 2012 ġiet allokata proporzjonalment fuq l-allokkazjoni tas-sena 2011. Id-differenza maġġuri għas-sena 2012 hija li d-dħul finanzjarju tal-Kunsill ser jonqos bil-kbir, u dan minħabba ir-riforma tal-LES, fejn id-dħul ta' flus mit-taħrikiet ma għadomx pingħataw lill-Kunsill Lokali. Da ser jaffetwa negattivament l-ispiża tal-Kunsill.

1476. Is-Sindku ressaq l-*Budget* għall-approvazzjoni. M Baldacchino issekondat. Il-Kunsill approva l-Budget għas-sena 2012. Il-*Budget* ġie iffirmat mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 7 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2011.

1477. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2011. Is-Segretarju ta' spjega tar-Rapport.

1478. M Baldacchino qalet li mar-Rapport irid jiżdied li fis-sena 2011, il-Kunsill Lokali ħareġ żewġ *Bye-Laws*, waħda dwar l-Iskall tas-Sajjieda u l-oħra dwar użu ta' Konteninturi tal-Ħġieġ fit-toroq madwar il-Junior College. Il-Kunsill qabel.

1479. Ir-Rapport ġie approvat. Il-Kunsilliera qablu li jibgħatu e-mail lis-Segretarju Eżekuttiv jekk iridu iżidu xi materji mar-Rapport.

1480. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Komunita isir nhar it-Tlieta 28 ta' Frar 2012 fil-5.30pm. Wara din il-laqgħa, issir il-laqgħa tal-Kunsill.

Punt 8 Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet.

1481. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni.

1482. Il-Kunsill qabel li kontijiet b'numri 65 u 78 jiġu verifikati.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1483. Il-Pagamenti tal-Kontijiet ġew approvati kollha, ħlief pagamenti numru 65 u 78. Il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Dott. Grima u M Agius.

1484. Is-Sindku ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 18.30

Punt 3 Korrispondenza.

1485. 0104 – Is-Segretarju qal illi din l-email hija mibgħuta mill-Kunsillier C Selvaggi. Il-Kunsill qal illi l-ewwel punt tal-email diġa kien ġie diskuss fil-Kunsill u qiegħed reġistrat fil-minuti. Dwar it-tieni punt, il-Kunsill ma sabx illi l-ilment huwa raġonevoli.

1486. 0105 – Is-Segretarju qal illi r-residenti ta' triq Misrah il-Barrieri, Triq L-Irmiġġ u ħafna bnadi oħra, mhux jieqfu jilmentaw fuq id-depositu illegali ta' vetturi mitluqin fit-toroq tagħhom. Dan ilhu għal ħafna żmien joħloq telf ta' parkeġġ u ħmieġ fil-madwar. Il-Kunsill qabel li l-avukat jikjarifika t-tweġiba tiegħu għal dak li ġie vera mitlub, voldieri, jekk il-Kunsill jistax jiġbor għall-*iscrap* vetturi *total loss* (dawk bla licenzja u *number plate*). Il-Kunsill qabel ukoll li din il-materja tiġi diskussa mal-Ispettur tal-Għassa.

1487. 1699 – Is-Segretarju preżenta proposta mill-Kumitat Amministrattiv Swatar dwar tibdil ta' traffic management fis-Swatar. E Brincat qal li huwa jixtieq li xi partijiet ta' dan it-*traffic management* jiġi mibdul. Il-Kunsill qabel li tintbgħat e-mail lis-Segretarju Eżekuttiv dwar x'tibdiliet (jekk għandhom) huma jixtiequ fil-proposta ta' *traffic management*. Is-Segretarju għandu jinforma lis-Segretarju tal-Kumitat dwar dawn il-proposti.

1488. 0036 – Is-Segretarju qal li kelmuħ raprezentanti tal-GRTU fuq proposta biex parti min Triq il-Wied tiġi *two-way*. Il-Kunsill ma qabilx għax din tiġi perikoluza wisq.

1489. 0049 – Is-Segretarju qal illi din l-korrispondenza mill-MEPA hija il-permess DNO biex isir il-Bust ta' Dott. Robert Naudi f'Misraħ San Gużepp.

1490. 0069 – Is-Segretarju spjega l-ilment tas-Sur Portelli, fejn dan qal li wara li huwa kien ħallas għas-servizz tal-Gwardjan Lokali biex jibni sular flats xi erbgħa snin ilu f'Msida Circus, huwa qed jallega li kuntratturi oħra illum il-ġurnata mhux qed jgħamlu użu min Gwardajni Lokali. Għaldaqstant, qed jitlob rifużjoni. Il-Kunsill stqarr illi l-*policy* inbidlet minħabba nuqqas ta' gwardjani lokali, u mhux kull post qed jiġi mitlub ikun hemm gwardjan. Għaldaqstant, il-Kunsill ma approvax l-ilment tas-Sur Portelli.

1491. 0072 – Is-Segretarju qara e-mail mibgħuta mis-Sindku biex il-Kunsill japprova biex fl-iskall tas-sajjieda issir kaxxa safra 'Emergency Only' Il-Kunsill qabel.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1492. Is-Segretarju ressaq kwotazjoni għax-xiri ta' *photocopier* għall-uffiċju. Is-Segretarju qal li b'dan l-ammont jista jinħareġ *direct order* peress li l-każ huwa urġenti. Il-Kunsill qabel.

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti.

1493. Il-Viċi-Sindku ressqet il-Minuti għall-approvazzjoni.

1494. Dott. Grima qal li l-aħħar sentenza f'minuta 1448 għanda tgħid: "Il-Kunsill qabel li jekk ma jinħariġx il-permess fil-ġnien ta' quddiem il-Knisja, l-Bust jitqiegħed fil-ġnien tal-bandli."

1495. Il-Minuti ġew approvati u ffirmati mill-Viċi-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti.

1496. Dwar minuta 1441, rigward *residents parking scheme*, E Brincat issuġerixxa li l-Imsida tinqasam f'żoni, u li tinħareġ sejħa għal-kwotazjoni fuq tali tqassim.

1497. Dwar minuta 1443, Dott. Grima saqsa saritx il-laqgħa mal-Perit. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv, u qal li mhux ser isejjaħ laqgħa jekk ma jkunx assigurat bil-prezenza tas-Sindku f'tali laqgħa. Il-Kunsill esieġa li ssir il-laqgħa.

1498. Dwar minuta 1444, il-Kunsill qabel li ssir il-bollard fi Triq il-Wied.

1499. Dwar minuta 1447, il-Kunsill qabel li fil-laqgħa mal-Ispettur jiġi kjarifikat mill-Pulizija jekk sarx xi progress f'dan ir-rigward.

1500. Dwar minuta 1455, is-Segretarju spjega li l-kuntrattur ordna li isiru *tests* xjentifiċi fuq il-kwalita tal-asfalt. Huwa qal li l-kuntrattur ser jerġa jgħamel it-triq għas-spejjes tiegħu, u hekk kif it-temp jippermetti, it-triq terġa issir mill-ġdid, probabilment fi Frar.

Punt 10 Affarijiet oħra jekk Urġenti

1501. Il-Viċi-Sindku preżentat l-Appraisal Reports tal-Impjegati tal-Kunsill, inkluż tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel li l-impjegati kollha, inkluż is-Segretarju Eżekuttiv, pingħataw *full* Performance Bonus.

1502. Il-Viċi-Sindku preżentat ukoll ittra li s-Segretarju bgħat lis-Sindku, fejn dan talab jekk il-Kunsill hux lest iħallas b'lura ammont ta' *Qualification Allowance* illi huwa qatt ma kien ingħata. Il-Kunsill qabel li dawn jingħataw sakemm is-Segretarju sar Uffiċjal Publiku.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1503. M Agius qal li hemm kaxxi għal parkeġġ tal-muturi fi Triq Michele Bellanti li jistgħu isiru għal karozzi. Huwa saqsa ukoll għaliex tneħħew il-Bring in Sites ta' Triq l-Irmigg. Is-Segretarju qal li tneħħew temporanjament sakemm tinsab soluzzjoni għal problema ta' *dumping* madwar dawn l-iskips. Is-Segretarju issuġerixxa li biex il-problema tonqos, l-għalqa mitluqa f'dawn l-inhawi għanda tiġi mdawwra b'ħajt. Is-Segretarju qal li sentejn ilu kien diġa irraporta dan lill-MEPA. M Agius talab lis-Segretarju jibgħatlu din il-korrispondenza sabiex ikun jista isegwi il-kaz.

1504. E Brincat ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 19.50

1505. E Abela iddiskuta l-possibilta li l-Kunsill joffri is-servizz ta' trasport għall-anzjani tad-Day Centre, biex b'hekk forsi tiżdied il-partecipazzjoni. Is-Segretarju qal li jivverifika kemm tiġi tiswa u nerġgħu nitkelmu fuqa.

1506. M Baldacchino qalet li l-*yellow line* quddiem il-Knisja Zgħira għandu jitneħħa. Il-Kunsill qabel.

Punt 11. Aġġornament

1507. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 28 ta' Frar fis-18.30.

Approvati llum ________________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com